MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1663/2003

**M.I.M.S. Supplies Limited**

**vs**

**Joseph Buttigieg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta’ Awissu, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mitejn u sebgha u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm297.60) rappresentanti bilanc minn somma akbar in konnessjoni ma’ prodotti mibjugh u ikkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta attrici fuq ordni u inkarigu ta’l-istess konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju fl-istess ismijiet ipprezentat kontestwalment ma’l-avviz u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta’ kull konsenja sad-

data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut, ghalkemm deher fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2003, ma ipprezentax risposta skond il-ligi u inoltre naqas u ma deherx la fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u sebgha u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm297.60), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju fl-istess ismijiet ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------